BIRKIRKARA

Minuti tal-Erba u Tletin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret b'Urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Erbgha 25 ta' Gunjul 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami (Assenti Skuzat) |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla (Assenti Skuzat) |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi (Assenti Skuzat) |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit (Assenti Skuzata) |
| | Is-Sur John Borg (Assenti Skuzat) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assenti Skuzat) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenti Skuzata) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, u s-Sur Herbert Conti. Is-Sur Michael Fenech Adami, s-Sur John Mizzi, s-Sur John Borg, is-Sur Mark Abdilla kif ukoll is-Sinjura Marie Claire Zammit kienu skuzati waqt li Dott. Josianne Cardona Gatt kienet assenti. Minn naha tal-Kumitati Amministrattivi ta' Fleur-de-Lys u dak tas-Swatar Dott. Francesca s-Sinjur Matthew Mangion kienu skuzati ukoll. Kien hemm prezenti wkoll l-ambaxxattur Lokali taz-zaghzagh. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Kommunikazzjoni mis-Sindku

2.1 Is-Sindku qalet li din il-laqgha b'urgenza saret peress li kienet sejra tinbidel is-sistema ta' kif kien sejjer jibda jingabar l-iskart peress li f'progett pilota li Birkirkara giet offruta biex tippartecipa mill-Wastserv sejjer jibda jingabar skart saparat organiku li ghandu jintrema f'borza ohra provduta mill-Wasteserv. Hi kienet qed tipproponi biex nhat ta' Tnejn jingabar skart organiku, it-Tlieta skart saparat, l-Erbgha l-borza s-sewda, il-Hamis skart saparat, il-Gimgha skart organiku, u s-Sibt kif ukoll il-Hadd il-borza s-sewda. Bhall ma jafu l-kunsilliera, kien wasal iz-zmien biex jinhareg it-tender tal-waste collection peress li dak eziztenti huwa skadut. Ghalhekk hi kienet sejra tiehu l-opportunita biex meta dan jinhareg tizdied il-gurnata tal-Hadd, fejn illum f'din il-gurnata ma jsirx gbir. Din L-iskema sejra tibda f' Settembru. Fil-frattemp sejra ssir kampanja edukattiva. Din sejra ssir billi l-kunsill jaghti permess lill-GreenPak biex ikunu jistaw jintuzaw parti mill-fondi li ssoltu jithallsu lill-kunsill, biex tkun tista tigi imwettqa din il-kampanja edukattiva door to door. Din il-kampanja sejra issir mill-GreenMT bi ftheim mal-GreenPak.

Is-Sur Jimmy Calleja staqsa kemm il-pajjiz kien sejjer jippartecipa f'din l-iskema. Is-Sindku wiegbet li dawn kienu hamsa u Birkirkara intazlet peress li hija l-akbar lokalita. Is-Sindku qalet li l-unika problema li tezisti hija li naqset gurnata mill-gbir tal-borza s-sewda u li din il-gurnata hija il-Gimgha, gurnata li fiha jarma l-monti. Ghalhekk hija kellha taghmel arrangament

BIRKIRKARA

mal-Cleansing Department biex jingabar l-iskart fejn jarma l-monti meta dan izarma kull nhar ta' Gimgha. Is-Sindku qalet li hi ghazlet il-granet tat-Tnejn u l-gurnata tal-Gimgha ghal gbir tal-iskart organiku u l-Erbgha ghal borza s-sewda sabiex min ma'jkollox fejn izomm l-iskart organiku mit-Tnejn sal-Gimgha ikun jista jaghmel uzu mill-borza s-sewda ta nhar ta' Erbgha. Hi talbet lill-kunsill sabiex jekk jahseb li hemm xi modd ahjar meta jingabar l-iskarti, dan ghandu jittressaq quddiem il-kunsill u jekk dan jahseb li s-suggeriment huwa ahjar hi kienet lesta li taghmel it-tibdil neccessarju. Is-Sindku qalet lil-kunsill kellu japprova jekk Birkirkara kelliex tippartecipa f'din l-iskema peress li d-dipartimet kien qed jistenna risposta minnufih. Il-membri prezenti approvaw li l-kunsill ta' Birkirkara kellu jippartecipa f'din l-iskema.

F'dan l-istadju s-segretarju spjega li ghalkhemm din kienet laqgha b'urgenza u suppost ghandu jigi diskuss suggett wiehed biss, kienet saret l-aggudikazzjoni tat-tender –*Tender for the Implementation of the Green Urban Project'*. Peress li l-aggudikazzjoni kienet wahda facli hu kien qed jiehu l-opportunita sabiex ma jergax jaqla l-membri ghall-laqgha ohra biex dawk prezenti japprovaw id-decizjoni tal-kumitat tal-Finanzi ghal dan it-tender, peress li dan hu tender urgenti wkoll. Is-segretarju kopmpla jghid li dan kien imnizzel fl-agenda ghal din il-laqgha u inghatat spjegazzjoni ghalfejn kien qed isir dan.

Is-segretarju kompla jghid li ghal dan it-tender kien hemm zewg offerti. Wahda kienet minghand Piscopo Gardens u l-ohra minghand l-ELC. Waqt li Piscopo Gardens kien ipprezza dak kollu li kien mitlub, l-ELC kitbu fl-offerta taghhom li ma kienx hemm bizzejjed informazjoni biex huma jkunu jistghu japprezzaw il-hwat mitluba. Irrizulta li dan ma kienx minnu peress li fit-tender hemm spjegazzjoni shiha ghal dak li kien rikjest ghat-talba tal-hwat. Ghalhekk l-offerta tal-ELC ma' kienetx kopmluta u awtomatikament giet skwalifikata.

Ir-Rapport tal-aggudikazzjoni ta' dan it-tender gie mqassam f'din il-laqgha. Il-membri prezenti approvaw li dan it-tender jinghata lil-Piscopo Gardens.

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.00 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tlieta, 14 ta' Lulju 2015 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku